MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 182/2011

**Eugene Cardona**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Eugene Cardona fis-27 ta' Lulju 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjonijiet ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tas-7 ta' Dicembru 2010 u tal-11 ta' Lulju 2011 u jiddeciedi minflok li jhassar ghal kollox u jannulla l-*penalty points,* il-penalitajiet l-ohra u anke s-sospensjoni tal-licenzja imposti fuqu skond l-ittri ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tas-7 ta' Dicembru 2010 u tal-11 ta' Lulju 2011, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u b'rizerva ghal kull azzjoni kompetenti lilu ghar-rizarciment tad-danni kawzati lilu mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta w impjegati taghha b'konsegwenza tad-decizjonijiet tas-7 ta' Dicembru 2010 u tal-11 ta' Lulju 2011;

Ra id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati Dok. “A” u Dok. “B” a fol. 5 sa’ 7 tal-process;

Ra r-Risposta ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta permezz ta’ liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda ghaliex: (i) in linea preliminari u ghall-korrettezza, ghandha ssir korrezzjoni fl-isem ta’ l-intimat billi l-isem proprju ta’ l-Awtorità intimata huwa Awtorità ghat-Trasport f’Malta kif stabbilit fil-Kap.499 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) in linea preliminari wkoll, l-appell gie intavolat *fuori termine* u dana peress illi d-decizjoni metru ta’ dan l-appell hija dik trasmessa lir-Rikorrenti bl-ittra ta’ l-Awtorità datata 7 ta’ Dicembru 2010. L-ittra legali li minnha qed jigi interpost l-appell odjern ma hijiex id-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata izda l-ezekuzzjoni tad-decizjoni kif dedotta mill-ittra tas-7 ta’ Dicembru 2010; (iii) it-talba tar-Rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u in oltre, kif intavolata hija inammissibbli u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, peress illi l-appell huwa bbazat fuq il-Kap.332 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema Kapitolu tal-Ligijiet gie abrogat u sostitwit fl-2009 bis-sahha tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta’ Malta; (iv) id-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata; u (v) l-Awtorità intimata ghamlet l-indagini taghha sew b’responsabbiltà u minn dak li irrizultalha inhareg l-avviz fejn, ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz, gew imposti is-sanzjonijiet kif previst fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15;

Sema’ ix-xhieda moghtija minn Joseph Mifsud waqt is-seduti tat-22 ta’ Novembru 2011 u tat-13 ta’ Jannar 2012, ix-xhieda moghtija minn Lino Abela waqt is-seduti tat-22 ta’ Novembru 2011 u ta’ l-1 ta’ Dicembru 2011, u ra d-dokument esebit minn Lino Abela waqt is-seduta tat-22 ta’ Novembru 2011 markat Dok. “GV1” a fol. 30 tal-process. Sema’ ix-xhieda moghtija minn Angelo Cardona waqt is-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru 2011 u x-xhieda moghtija minn Eugene Cardona waqt is-seduti ta’ l-1 ta’ Dicembru 2011 u tat-13 ta’ Jannar 2012;

Ra li b’Digriet datat 22 ta’ Novembru 2011, in vista ta’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata giet

awtorizzata l-korrezzjoni ta’ isem l-istess Awtorità biex jigi jaqra “l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta” u ra li b’sentenza pronuncjata fid-9 ta’ Jannar 2012 giet moghtija decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata fis-sens li dik l-eccezzjoni giet milqugha in parte u filwaqt li gie dikjarat li appell mid-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata notifikata lir-Rikorrenti b’ittra datata 7 ta’ Dicembru 2010 huwa *fuori termine,* gie deciz li appell mis-sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni tar-Rikorrenti bhala operatur ta’ stazzjon ghat-testijiet fuq il-vetturi notifikata lilu bl-ittra tal-11 ta’ Lulju 2011, huwa validu u permissibbli u fil-kaz in ezami gie intavolat entro t-terminu prefiss fil-Ligi;

Ra li ghalhekk jonoqs li tinghata sentenza fir-rigward tal-meritu ta’ l-appell tar-Rikorrenti mis-sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni tieghu bhala operatur ta’ stazzjon ghat-testijiet fuq il-vetturi notifikata lilu bl-ittra tal-11 ta’ Lulju 2011;

Waqt is-seduta tat-13 ta’ Jannar 2012 sema’ it-trattazzjoni relattiva da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

**Ikkonsidra:**

Originarjament it-talba avvanzata mir-Rikorrenti bl-appell odjern kienet ghar-revoka tad-decizjonijiet ta’ l-Awtorità intimata notifikati lilu bl-ittra tas-7 ta’ Dicembru 2010, li biha l-Awtorità intimata naqsiltu total ta’ 1,180 punti ta’ penalità u imponietlu multa amministrattiv ta’ €11,600, minhabba diversi irregolaritajiet li gew riskontrati fil-VRT station tieghu waqt spezzjoni li saret fil-24 ta’ Novembru 2010, u bl-ittra tal-11 ta’ Lulju 2011, li biha l-Awtorità intimata issospendietlu l-awtorizzazzjoni tieghu bhala operatur ta’ stazzjon ghat-testijiet fuq il-vetturi (iktar ‘il quddiem imsejha sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni) ghaliex naqas milli jhallas il-multa amministrattiva imposta fuqu.

Bis-sentenza tad-9 ta’ Jannar 2012 però gie determinat li: (a) ir-Rikorrenti ma setax jappella mid-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata notifikata lilu bl-ittra tas-7 ta’ Dicembru 2010 ghaliex l-appell ma sarx entro t-terminu prefiss fil-

Ligi, senjatament fl-Artikolu 40(1)(b) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant dik id-decizjoni llum hija finali; izda li (b) ciò nonostante, ai termini tar-Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, ir-Rikorrenti ghandu dritt jappella mis-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu notifikata lilu bl-ittra tal-11 ta' Lulju 2011.

B'din is-sentenza ghalhekk se jigi trattat u determinat il-meritu ta' l-appell tar-Rikorrenti mis-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu notifikata lilu bl-ittra tal-11 ta' Lulju 2011.

L-ewwel qabel kollox ghandha tigi trattata l-kwistjoni nascenti mit-tielet eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata u cioè li l-proceduri intavolati mir-Rikorrenti, inkluz ghalhekk l-appell mis-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni notifikata lilu bl-ittra tal-11 ta' Lulju 2011, huwa inammissibbli u ghandu jigi michud ghaliex il-Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta' Malta, citat mir-Rikorrenti bhala l-bazi tad-dritt ta' appell tieghu, gie abrogat u sostitwit fl-2009 bil-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalkemm huwa minnu li fiz-zmien meta r-Rikorrenti intavola l-proceduri odjerni il-Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx ghadu fis-sehh ghaliex kien gie abrogat u sostitwit bil-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma huwiex tal-fehma li l-fatt li r-Rikorrenti ccita il-Kapitkolu 332 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Artikolu 31(14), bhala l-bazi tad-dritt ta' appell tieghu ghandu jwassal ghall-inammissibilità u konsegwenti cahda ta' l-appell.

In verità r-Rikorrenti lanqas kellu ghalfejn jiccita l-Ligi li minnha jitwieled id-dritt tieghu li jappella kontra s-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu ghaliex a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, Rikors intavolat quddiem dan it-Tribunal ghandu jkun fih: *(a) dikjarazzjoni cara u korretta tas-suggett u r-raguni ghat-talba; (b) it-talba jew it-talbiet; (c) esposizzjoni cara u dettaljata tal-fatti tal-kaz, kif ikun jafhom ir-rikorrent; (d) l-isem tax-xhieda li r-rikorrent ikun bi hsiebu jharrek, inkluz it-tahrik tal-kontroparti, bid-dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull xhud tal-prova li r-rikorrent ikun bi hsiebu jaghmel perezz*

*taghhom; u (e) ir-rimedju li jkun qieghed jintalab, bl-ispejjez kontra l-amministrazzjoni pubblika*.

Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Hili & Co. Limited et noe v. Master Electric Company Limited, Citaz. Nru. 274/04** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 2004, fejn giet trattata u deciza eccezzjoni fis-sens li t-talbiet attrici f'dawk il-proceduri kienu nulli ghaliex fic-citazzjoni l-attur noe ma semmiex liema huma d-disposizzjonijiet tal-Ligi jew anki l-Ligi stess li minnhom hemm xi allegat ksur, *imkien fil-ligi mhu impost l-obbligu fuq l-attur li fic-citazzjoni jindika liema kienet il-ligi li kellha tigi applikata ghall-fatti li kienu jifformaw il-meritu tat-talba tieghu … Il-ligi tesigi biss tifsira cara u sewwa tal-fatti li minnhom torigina l-kawza u l-kawzali li jaghtu lok ghall-istess talba u jiggsutifikawha [Vol. LXXXII.II.726].* ***Illi fuq l-istregwa tal-massima ubi lex voluit lex dixit, mhux permess li jizdiedu rekwiziti li mhumiex kontemplati mill-ligi, bhal raguni ghall-validità ta' l-att tac-citazzjoni***[1].

Peress illi fil-fehma tat-Tribunal ir-rekwiziti ta' Rikors intavolat quddiemu huma simili hafna ghal dawk ta' Rikors Guramentat ipprezentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, l-insenjament enuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'dik is-sentenza jsib applikazzjoni shiha ghal kaz in ezami. F'dan il-kaz ukoll it-Tribunal hu tal-fehma li l-proceduri istitwiti mir-Rikorrenti ma ghandhox jigu dikjarati inammissibbli in bazi ghal rekwizit, senjatament indikazzjoni zbaljata tal-Ligi, mhux kontemplat fil-Ligi.

Apparte dan kollu t-Tribunal hu tal-fehma li fi kwalunkwe kaz ghandu japplika l-principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli … In-nullità ta' l-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.* ***Ghalhekk att ta' citazzjoni***

[1] Enfasi tat-Tribunal.

**[Rikors quddiem dan it-Tribunal]** ***ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi***[2]*.*

Ghaldaqstant, il-pretensjoni ta' l-Awtorità intimata li l-proceduri istitwiti mir-Rikorrenti ghandhom jigu dikjarati inammissibbli ghaliex fir-Rikors promotur iccita bhala l-bazi tad-dritt ta' appell tieghu Ligi flok ohra, ma hijiex gustifikata u bhala tali qed tigi michuda.

Ir-Rikorrenti jikkontesta s-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu notifikata lilu bl-ittra tal-11 ta' Lulju 2011, in bazi ghall-pretensjoni li l-mod kif giet attwata s-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni jmur kontra l-principji tal-gustizzja naturali. Huwa jikkontendi li kontra l-principji tal-gustizzja naturali, l-Awtorità intimata, wara d-decizjoni notifikata lilu bl-ittra tas-7 ta' Dicembru 2010, qatt ma interpellatu bil-mitkub ghall-hlas tal-multa amministrattiva u gharrfitu bil-konsegwenzi li kien se jiffaccja f'kaz ta' nuqqas ta' hlas. L-Awtorità intimata da parte taghha tikkontendi li is-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tar-Rikorrenti hija gusta u legali in kwantu giet attwata wara indagini akkurata u responsabbli u in konformità mal-Ligi bhala sanzjoni kontemplata fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.

Jibda biex jigi osservat li ai termini tar-Regolament 21(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 *il-multa amministrattiva* [imposta fuq operatur ta' stazzjon ghat-testijiet fuq il-vetturi ai termini tar-Regolament 21(3)] *ghandha tithallas fi zmien disghin gurnata wara li jghaddu l-wiehed u ghoxrin gurnata min-notifika tal-vjolazzjoni fejn ma jkunx sar appell mill-operatur jew fi zmien disghin gurnata mid-data tad-decizjoni finali moghtija mill-bord ta' l-appelli fejn ikun sar appell mill-operatur* u li ai termini tar-Regolament 21(7) *in-nuqqas ta' hlas, fil-perijodu preskritt, tal-multi msemmija fis-subregolamenti (3) u (4) iwassal ghas-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni ta' operatur flimkien ma' multa amminsitrattiv ta' hdax-il euro (€11) kuljum sakemm tithallas il-multa dovuta*.

---

[2] Malta Development Corporation v. Paul Licari, Citaz. Nru. 489/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April 2004. Enfasi tat-Tribunal.

Fid-dawl tal-konsegwenza ghan-nuqqas ta’ hlas ta’ multa amministrattiva imposta ai termini tar-Regolament 21(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, li effettivament twassal biex l-operatur in kwistjoni jkollu jwaqqaf l-operazzjoni tieghu, it-Tribunal hu tal-fehma li l-Awtorità intimata hi fi dmir li tinforma b’mod car lil dak l-operatur kemm bit-terminu entro liema l-multa amministrattiva ghandha tithallas kif ukoll bil-fatt li n-nuqqas ta’ hlas tal-multa amministrattiva entro t-termini prefissi iwassal ghas-sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni tieghu u ghall-imposizzjoni ta’ multa ulterjuri ta’ €11 kuljum sal-hlas tal-multa amministrattiva.

Dan id-dmir ta’ l-Awtorità intimata johrog mid-dover taghha, bhala awtorità regolatrici li bis-setghat u decizjonijiet taghha tista’ u fil-fatt teffettwa d-drittijiet ta’ terzi, *to act fairly*. Il-fatt li awtorità b’poteri amministrattivi *must act fairly* huwa principju ormai ferm assodat fis-sistema tal-Ligi Amministrattiva Ingliza u wasal iz-zmien li jigi radikat fis-sistema guridika taghna: *A power which affects rights must be exercised ‘judicially’ i.e. fairly, and the fact that the power is administrative does not make it any the less ‘judicial’ for this purpose. Lord Hudson put this point very clearly: the answer in a given case is not provided by the statement that the giver of the decision is acting in an executive or administrative capacity as if that were the antithesis of a judicial capacity.* ***The cases seem to me to show that persons acting in a capacity which is not on the face of it judicial but rather executive or administrative has been held by the courts to be subject to the principles of natural justice. … powers of a purely administrative character must be exercised ‘fairly’, meaning in accordance with natural justice – ‘which after all is only fair play in action’. ‘Natural justice is but fairness writ large and judicially’. … administrative powers which affect rights must be exercised in accordance with natural justice****. As Lord Diplock put it:* ***Where an Act of Parliament confers upon an administrative body functions which involve its making decision which affect to their detriment the rights of other persons or curtail their liberty to do as they please, there is a***

***presumption that Parliament intended that the administrative body should act fairly towards those persons who will be affected by their decisions[3].***

Wara li qies il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti t-Tribunal hu tal-fehma li fil-kaz in ezami l-Awtorità intimata naqset milli adegwatament u b'mod car tavza lir-Rikorrenti bit-terminu entro liema kellu jhallas il-multa amministrattiva imposta fuqu bid-decizjoni taghha notifikata bl-ittra tas-7 ta' Dicembru 2010, u bil-fatt li n-nuqqas ta' hlas tal-multa amministrattiva entro t-termini prefissi jwassal ghas-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu u ghall-imposizzjoni ta' multa ulterjuri ta' €11 kuljum sakemm il-multa amministrattiva tithallas. Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk l-Awtorità intimata naqset mid-dover taghha *to act fairly* fil-konfront tar-Rikorrenti.

Ghalkemm bl-ittra tas-7 ta' Dicembru 2010, ir-Rikorrenti gie nfurmat bit-tnaqqis tal-1,180 punti ta' penalità u bl-imposizzjoni tal-multa amministrattiva ammontanti ghal €11,600, huwa ma giex infurmat la bit-terminu entro liema tali multa amministrattiva kellha tithallas u lanqas bil-fatt li n-nuqqas ta' hlas tal-multa amministrattiva fit-terminu prefiss iwassal ghas-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu u ghall-imposizzjoni ta' multa ulterjuri ta' €11 kuljum sakemm tithallas il-multa amministrattiva. Ghalkemm l-Awtorità intimata taht l-intestatura *Your right to appeal* idderigiet lir-Rikorrenti biex jirreferi ghall-Avviz Legali 43 ta' l-2008 (li tra parentesi fiz-zmien tad-decizjoni ta' l-Awtorità kien gie emendat bl-Avviz Legali 90 ta' l-2010), ghar-Regolament 21(5),(6) u (7) u ghar-Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, fil-fehma tat-Tribunal xorta wahda l-Awtorità ma wettqitx id-dover taghha fil-konfront tieghu li tinfurmah kif imiss bit-terminu ghall-hlas tal-multa u bil-konsegwenza fin-nuqqas ta' hlas.

In segwitu ghan-notifika ta' l-ittra tas-7 ta' Dicembru 2010 u qabel ma' skada t-terminu prefiss fil-Ligi ghall-hlas tal-multa amministrattiva, l-Awtorità intimata baqghet ma ghamlet xejn biex debitament tgharraf lir-Rikorrenti bit-

[3] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg 414 u 415. Enfasi tat-Tribunal.

terminu li kellu ghall-hlas ta' l-istess multa u partikolarment bil-fatt li n-nuqqas tal-hlas ta' dik il-multa jwassal ghas-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu u ghall-imposizzjoni ta' multa ulterjuri ta' €11 kuljum sakemm tithallas il-multa amministrattiva. L-ewwel kuntatt effettiv li sar mill-Awtorità intimata mar-Rikorrenti kien fl-**24 ta' Marzu 2011** fejn Joseph Mifsud, Assistant Technical Manager ma' l-Awtorità intimata, cempel lir-Rikorrenti u avzah li jekk ma kienx ser ihallas sat-**28 ta' Marzu 2011** l-Awtorità kienet ser titfilu s-sistema ta' l-*online*: *lis-Sur Cardona kont cempiltlu ghal darba darbtejn fl-24 ta' Marzu u fit-28 ta' Marzu 2011 fejn avzajtu li jekk ma jigix ihallas il-multa konna ser nitfulu s-sistema*[4]. Fit-**28 ta' Marzu 2011** Joseph Mifsud rega' cempel lir-Rikorrenti w infurmah li ladarba naqas milli jhallas il-multa l-Awtorità kienet b'effett immedjat qed titfilu s-sistema ta' l-*online* u timponi multa ulterjuri ta' €11.00 kuljum sal-hlas tal-multa amministrattiva ta' €11,600: *hemm minuta ohra tat-28 ta' Marzu 2011 fejn hemm indikat li ergajt ikkomunikajt mar-rikorrenti fejn spiegajtlu li s-sistema ta' l-online kienet ser tintefa' u kien ser jehel multa ulterjuri ta' €11 kuljum. Bhala konferma ta' dan kollu l-manager tieghi Lino Abela dakinhar stess jigifieri fit-28 ta' Marzu 2011 baghat e-mail lir-rikorrent biex jerga' jispiegalu dan kollu*[5].

It-Tribunal ma jqisx li b'dawn iz-zewg telefonati ta' l-24 u 28 ta' Marzu 2011 u bl-e-mail tat-28 ta' Marzu 2011, l-Awtorità intimata wettqet id-dover taghha *to act fairly* fil-konfront tar-Rikorrenti. L-ewwel telefonata da parte ta' Joseph Mifsud lir-Rikorrenti saret **biss erbat ijiem qabel ma' skada t-terminu ghall-hlas tal-multa amministrattiva ta' €11,600**[6] u fi kwalunkwe kaz ir-Rikorrenti ma giex infurmat li fin-nuqqas ta' hlas **kienet ser tigi sospiza l-awtorizzazzjoni tieghu izda biss li l-Awtorità kienet se titfilu s-sistema ta' l-*online***. Ghalkemm waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2012 Joseph Mifsud xehed illi *meta jiena kont tkellimt mas-sur Cardona jiena kont avzajtu li jekk ma jhallasx il-multa li kienet giet*

[4] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2011.
[5] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2012. E-mail esebita bhala Dok. "GV1" a fol. 30 tal-process.
[6] Kalkolat skond ir-Regolament 21(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.

*imposta fuqu konna ser naghlqulu l-istation* dana bhala fatt ma jirrizultax ghaliex mill-minuti fil-file ta' l-Awtorità relattiva ghat-telefonati ta' l-24 u tat-28 ta' Marzu 2011, jirrizulta li Joseph Mifsud gharraf lir-Rikorrenti li jekk ma jhallasx (l-ewwel telefonata) u la ma hallasx (it-tieni telefonata) il-multa amministrattiva l-Awtorità kienet ser titfilu u fil-fatt tfietlu s-sistema ta' l-*online* u mhux li kienet ser tissosspendilu l-awtorizzazzjoni tieghu, zewg sitwazzjonijiet li fil-fehma tat-Tribunal ma jfissrux l-istess haga.

L-ewwel u l-unika darba li r-Rikorrenti gie nfurmat bil-fatt li n-nuqqas tal-hlas tal-multa amministrattiva jwassal ghas-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu kien biss bl-ittra tal-11 ta' Lulju 2011, meta effettivament l-awtorizzazzjoni tieghu giet sospiza. Ghalkemm waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2011, Lino Abela, Technical Manager ma' l-Awtorità intimata, xehed illi *ahna ma rcevejna l-ebda appell però kellimnieh u nfurmajnieh u konna qed nghidulu kontinwament li z-zmien kien ghalaqlu u kien ser jibda jehel il-€11 multa kuljum*, mill-minuti esebiti mill-istess Awtorità dan l-allegat kuntatt kontinwu ma jirrizultax ghaliex l-unici istanzi ta' komunikazzjoni li gew *minuted* kienu t-telefonati ta' l-24 ta' Marzu 2011 u tat-28 ta' Marzu 2011 u l-e-mail tat-28 ta' Marzu 2011.

Fir-rigward ta' l-ittra tal-11 ta' Lulju 2011, it-Tribunal jixtieq jirrimarka li sospensjoni ta' awtorizzazzjoni, anke jekk attwata in segwitu ghal decizjoni ta' l-Awtorità moghtija a tenur tar-Regolament 21(2) u (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, ma ghandhiex tigi komunikata lill-operatur koncernat b'ittra ta' l-Avukat ta' l-Awtorità intimata izda ghandha tigi komunikata direttament mill-Awtorità intimata, kif del resto jirrizulta mill-Artikolu 46(6) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment minhabba d-dritt ta' appell ta' l-operatur minn tali sospensjoni a tenur tar-Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.

Fil-fehma tat-Tribunal l-inqas li setghet taghmel l-Awtorità intimata biex twettaq id-dover taghha *to act fairly* fil-konfront tar-Rikorrent kien li wara li skada t-terminu ta' l-appell mid-decizjoni notifikata lilu bl-ittra tas-7 ta'

Dicembru 2010, meta allura dik id-decizjoni saret finali, tinformah – u dana permezz ta’ ittra u mhux b’semplici telefonata – bit-terminu ghall-hlas tal-multa amministrattiva imposta b’dik id-decizjoni **u** li n-nuqqas tal-hlas tal-multa amministrattiva jwassal ghas-sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni tieghu u ghall-imposizzjoni ta’ multa ulterjuri ta’ €11 kuljum sakemm tithallas il-multa amministrattiva.

Ghalkemm is-sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni tar-Rikorrenti da parte ta’ l-Awtorità intimate giet attwata bhala sanzjoni ghan-nuqqas da parte tieghu li jhallas il-multa amministrattiva imposta fuqu bid-decizjoni notifikata lilu fis-7 ta’ Dicembru 2010, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-istess Awtorità s-sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni tar-Rikorrenti ma tistax titqies li saret b’mod gust da parte taghha fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant ghandha tigi revokata.

In konkluzzjoni t-Tribunal irid jaghmilha cara li d-decizjoni moghtija b’din is-sentenza, ossia li s-sospensjoni ta’ l-awtorizzazzjoni tar-Rikorrenti ma gietx attwata b’mod gust da parte ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ghandha tigi revokata, bl-ebda mod ma ghandha tigi interpretata jew meqjusa bhala li teffettwa l-effetti tad-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata notifikata lir-Rikorrenti bl-ittra tas-7 ta’ Dicembru 2010, stante li kif determinat bis-sentenza preliminari tad-9 ta’ Jannar 2012 u kkonfermat b’din is-sentenza dik id-decizjoni, fin-nuqqas ta’ appell minnha, saret finali.

Jigi notat li bhala fatt it-terminu statutorju prefiss fil-Ligi, senjatament fir-Regolament 21(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, ghall-hlas tal-multa amministrattiva ddekorra izda, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz u peress illi wara l-ghoti tad-decizjoni notifikata lir-Rikorrenti bl-ittra tas-7 ta’ Dicembru 2010, l-Awtorità intimata kjarament naqset *to act fairly* fil-konfront tieghu, it-Tribunal iqis li l-Awtorità ghandha tittratta mar-Rikorrenti b’mod gust u kif previst fil-Ligi, senjatament fir-Regolament 11(7) tal-Legislazzjoni Sussidjarja u l-Artikolu 46(6) u (7) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta’ Malta, u taghtih, issa li jaf ben tajjeb

x'inhi l-konsegwenza jekk jibqa' ma jhallasx il-multa amministrattiva imposta fuqu, id-debita opportunità li jirregolarizza l-posizzjoni tieghu maghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' l-appell tar-Rikorrenti mis-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni tieghu bhala operatur ta' stazzjon ghat-testijiet fuq il-vetturi notifikata lilu bl-ittra datata 11 ta' Lulju 2011, u jirrevoka l-istess sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni ta' operatur u filwaqt li jikkonferma li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lir-Rikorrenti bl-ittra tas-7 ta' Dicembru 2010 hija finali, jordna lill-Awtorità intimata sabiex tittratta mar-Rikorrenti b'mod gust u kif previst fil-Ligi, senjatament fir-Regolament 11(7) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 u l-Artikolu 46(6) u (7) tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, u taghtih, issa li jaf ben tajjeb x'inhi l-konsegwenza jekk jibqa' ma jhallasx il-multa amministrattiva imposta fuqu, id-debita opportunità li jirregolarizza l-posizzjoni tieghu maghha.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, salv ghal dawk relattivi ghas-sentenza preliminari tad-9 ta' Jannar 2012, ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità intimata, filwaqt illi l-ispejjez relattivi ghall-imsemmija sentenza preliminari tad-9 ta' Jannar 2012, ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------